



Dokument ta' sessjoni

A9-0172/24

9.4.2024

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 rigward id-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb (Koordinaciona uprava) (COM(2023)0733 – C9-0412/2023 – 2023/0418(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Matjaž Nemeč

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	9
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	10
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	11

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 rigward id-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb (Koordinaciona uprava)
(COM(2023)0733 – C9-0412/2023 – 2023/0418(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0733),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0412/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0172/24),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

a. Kuntest

Fis-16 ta' Novembru 2023 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 rigward id-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb (Koordinaciona uprava).

Skont il-Kummissjoni din l-emenda għar-Regolament (UE) 2018/1806 tkun tippermetti li jiġu eżentati d-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb mill-ħtieġa li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri għal soġġorni ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

Fl-2009, il-Kosovo ġie inkluż fil-parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 539/2001, li jfisser li d-detenturi ta' passaporti maħruġa mill-Kosovo kienu meħtieġa li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri. Fid-19 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni nediet djalogu mal-Kosovo dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Fl-14 ta' Ġunju 2012, ippreżentat lill-Kosovo pjan direzzjonali li kien jidentifika l-leġiżlazzjoni u l-miżuri l-oħra kollha li jeħtieġ li jiġu adottati u implimentati mill-Kosovo sabiex jagħmel progress rigward il-liberalizzazzjoni tal-viża. Dan id-djalogu ġie konkluż b'suċċess u, fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta¹ biex il-Kosovo jiġi ttrasferit għall-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001.

Din il-proposta ġiet finalment maqbula u adottata fid-19 ta' April 2023. Ir-Regolament (UE) 2023/850² emenda r-Regolament (UE) 2018/1806³ (li sadanittant kien issostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 539/2001), billi ttrasferixxa l-Kosovo mill-Parti 2 tal-Anness I għall-Parti 4 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament. Bħal fil-każ tad-djalogi kollha preċedenti konklużi b'suċċess dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, ġie deċiż li jenħtieġ li l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża tapplika biss għad-detenturi ta' passaporti bijometriċi. Barra minn hekk, ġie deċiż li jenħtieġ li l-eżenzjoni ma tapplikax qabel id-data minn meta tibda topera s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, ETIAS), stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, jew sal-1 ta' Jannar 2024, skont liema data tiġi l-ewwel. Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/850, id-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-

¹ COM/2016/0277 final.

² Ir-Regolament (UE) 2023/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.)) (ĠU L 110, 25.4.2023, p. 1–4).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226, (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1–71).

Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb jibqgħu l-uniċi ċittadini fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent meħtieġa li jkollhom viża meta jivvjaġġaw lejn l-UE għal soġġorni qosra.

Bid-dħul fis-seħħ tal-eżenzjoni mill-viża għad-detenturi ta' passaport tal-Kosovo, fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni qieset li r-raġunijiet għall-esklużjoni tad-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb minn dik l-eżenzjoni mill-viża m'għadhomx jeżistu, u li jenħtieġ li ċ-ċittadini kollha tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent jibbenefikaw minn vjaġġar mingħajr viża lejn iż-żona Schengen.

b. Id-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb

Id-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb ġie stabbilit matul id-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mas-Serbja. L-għan kien li jiġu sostitwiti s-seba' Direttorati tal-Pulizija reġjonali mifruxa fuq it-territorju Serb, li sa dak iż-żmien kien responsabbli għall-ħruġ ta' passaporti lis-Serbi tal-Kosovo. Il-passaporti maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb huma bijometriċi u ntużaw mid-detenturi tagħhom bħala dokumenti tal-ivvjaġġar għall-iskop ta' vvjjaġġar lejn l-UE minn meta ġie stabbilit id-Direttorat.

Mit-tnedija tal-ewwel djalogi dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża fl-2008, il-Kummissjoni stabbiliet objettiv ġenerali li r-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent jingħata aċċess mingħajr viża għaż-żona Schengen. Il-ħtieġa ta' viża għall-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja tneħħiet fl-2009, għall-Albanija u l-Bożnija-Ħerzegovina fl-2010 u għall-Kosovo fl-2023. F'dan il-kuntest, it-tneħħija tal-esklużjoni mill-eżenzjoni tal-viża li tikkonċerna d-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb tiżgura li r-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent ikun soġġett għall-istess sistema tal-viża.

c. Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Il-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-viżi, inkluż ir-reġim ta' liberalizzazzjoni tal-viża, bla dubju kienet waħda mill-istrumenti ta' persważjoni l-aktar influwenti fil-qasam tal-politika estera tal-Ewropa. Madankollu, minħabba l-kumplessità tal-ġeopolitika dinjija iżda wkoll spiss minħabba l-firdiet interni tal-Unjoni Ewropea, kellhom isiru ċerti kompromessi u kellhom jittieħdu ċerti deċiżjonijiet li spiss joħlqu problemi fil-futur. Dan hu l-każ tal-Balkani tal-Punent, fejn l-affarijiet qatt mhuma sempliċi u rari jkunu faċli.

F'dak li għandu x'jaqşam mal-proposta tal-Kummissjoni, ir-rapporteur huwa tal-fehma li din il-kwistjoni kumplessa teħtieġ l-eżami tal-fatti u tal-aspetti kollha, iżda jixirqilha wkoll li jittieħed approċċ skont liema l-politika titħalla barra mill-kwistjoni għal ftit.

Hemm bżonn li jiġi rikonoxxut li l-Unjoni Ewropea kienet katalizzatur kbir ta' din il-problema u, għalhekk, ir-rapporteur jidhirlu li l-UE issa jeħtieġha wkoll issolviha.

Forsi ma kienx għaqli li fuq is-Serbja, bħala parti mid-djalogu tagħha dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża fl-2008, ġiet imposta distinzjoni għall-ħruġ tal-passaporti għas-Serbi li jgħixu fil-Kosovo, meta konna nafu li tali soluzzjoni dejjem setgħet biss tkun ta' natura temporanja. Fl-istess ħin, f'din is-soluzzjoni temporanja ma ġewx introdotti biżżejjed salvagwardji li maż-żmien ikunu jipprevedu t-tmiem tagħha.

Barra minn hekk, in-nuqqas ta' progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, u l-fatt li s-Serbja u l-Kosovo għadhom ma jirrikonoxxux id-dokumenti ta' xulxin, ma kkontribwew bl-ebda mod utli biex jiġi evitat li tali kwistjoni ssir problema.

Ir-rapporteur jaf sewwa li r-residenti Serbi tal-Kosovo li huma detenturi tal-passaporti maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb illum għadhom l-aħħar kategorija ta' persuni fil-Balkani tal-Punent li għad għandhom l-obbligu ta' viża tal-UE, u ta' dan ma għandhomx ħtija. Ir-rapporteur iqis li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni u fil-prinċipju huwa konvint mill-fehma tiegħu li kwalunkwe diskriminazzjoni jenħtieġ li tkun projbita u, jekk isseħħ, jingħatalha rimedju minnufih. Dan l-istess prinċipju jenħtieġ li japplika wkoll għal din il-proposta.

Sakemm il-kwistjoni tal-istatus definittiv tal-Kosovo tiġi solvuta jew sakemm isir progress sinifikanti fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo u s-Serbja, ir-rapporteur huwa tal-fehma li din il-proposta m'għandha la tipprowa, la ssolvi t-tilwima bejn is-Serbja u l-Kosovo u lanqas ma tkun mistennija li ssolviha. Ir-rapporteur jidhirlu li biex jintlaħaq l-aqwa riżultat, jenħtieġ li l-politika titħalla barra u jittieħed approċċ ta' natura teknika għal din il-kwistjoni.

Għaldaqstant, huwa u jifhem il-kumplessità tal-kwistjonijiet u billi eżamina l-aspetti differenti kollha, ir-rapporteur jilqa' pożittivament il-proposta tal-Kummissjoni u jappoġġa l-adozzjoni rapida tagħha fil-leġiżlatura attwali tal-Parlament, mingħajr emendi.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Embassy of the Republic of Kosova in Brussels, Belgium
Mission of the Republic of Serbia to the EU
The first Deputy Prime Minister for European Integration, Development and Dialogue of the Republic of Kosovo

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) 2018/1806 rigward id-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb (Koordinaciona uprava)
Referenzi	COM(2023)0733 – C9-0412/2023 – 2023/0418(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	16.11.2023
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 11.12.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Matjaž Nemeč 4.3.2024
Rapporteurs preċedenti	Jean-Paul Garraud
Data tal-adozzjoni	9.4.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 7 0: 12
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Annika Bruna, Lena Düpont, Lucia Āuriš Nicholsonová, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Pina Picierno, Emil Radev, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, José Gusmão, Leopoldo López Gil, Matjaž Nemeč, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Dragoş Tudorache, Petar Vitanov, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie Dauchy, Claude Gruffat, Pär Holmgren, Gilles Lebreton, Alin Mituṭa, Kosma Złotowski
Data tat-tressiq	9.4.2024

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

34	+
PPE	Vladimír Bilčík, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Janina Ochojska, Emil Radev, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Alin Mituța, Bergur Løkke Rasmussen, Jana Toom, Dragoș Tudorache
S&D	Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemeč, Pina Picierno, Isabel Santos, Birgit Sippel, Petar Vitanov, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, José Gusmão, Anne-Sophie Pelletier

7	-
NI	Milan Uhrík
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Claude Gruffat, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

12	0
ECR	Assita Kanko, Kosma Zlotowski
ID	Annika Bruna, Susanna Ceccardi, Marie Dauchy, Gilles Lebreton, Tom Vandendriessche
PPE	Leopoldo López Gil, Javier Zarzalejos
Renew	Maite Pagazaurtundúa
S&D	Maria Grapini
Verts/ALE	Pär Holmgren

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni